



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 5 ta' Awissu 2005 (24.08)
(OR. fr)**

11647/05

PUBLIC 6

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
ĠUNJU 2005

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2005. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll il-voti kontra u l-astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, kif ukoll ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni;
- fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2005, b'referenza, fejn xieraq għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u għad-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet ("<http://ue.eu.int>"); ara taħt Dokumenti, imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' l-atti leġislattivi li huma awtentiċi. L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza: ("transparency@consilium.eu.int").

¹ Ħlief għal ċerti atti ta' kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-budget, eċċ.

ĠUNJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2664 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-2 u t-3 ta' Ġunju 2005 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dan ir-rekwiżit għal dak li jirrigwarda l-mekkaniżmu ta' reċiproċità Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni rigward l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għall-vetturi	6762/05 + REV 1 (lv) PE-CONS 3628/05	53/05, 54/05	PL, CZ kontra Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata

ĠUNJU 2005

ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2665 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ - Suq Intern, Industrija, Riċerka) fis-6 u s-7 ta' Ġunju 2005			
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-ġħoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tar-rettikolati trans-Ewropej	PE-CONS 3615/05	55/05, 56/05	Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1165/98 dwar l-istatistika għall-perijodu qasir	PE-CONS 3606/05 + COR 1 (fr) + COR 2 (fi) + COR 3 (lv) + COR 4 (de) + REV 1 (pl) + REV 2 (it) + REV 3 (sl)	57/05	Maġġoranza kwalifikata
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali	PE-CONS 3627/05	58/05, 59/05, 60/05, 61/05, 62/05	DE ¹ , EL kontra LU Astenzjoni Maġġoranza kwalifikata

¹ Spjegazzjoni tal-votazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża, paġna 6 ta' l-Anness II

ĠUNJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2667 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-13 ta' Ġunju 2005			
Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data ta' applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 871/2004 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu	7846/05		Maġġoranza kwalifikata
L-2669 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2005			
Regolament tal-Kunsill dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni	8686/05 + COR 1 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) + REV 2 (sk)	63/05, 64/05, 65/05, 66/05	Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1907/90 rigward l-immarkar tal-bajd	9646/05 + COR 1 (en) + COR 2 (it) + COR 3 (hu) + REV 1 (pt)		Maġġoranza kwalifikata

ĠUNJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2670 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fl-24 ta' Ġunju 2005			
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1365/75 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol	9480/05 + REV 1 (en) + COR 2 (sv) + REV 4 (es) + REV 5 (sk)	67/05, 68/05	Unanimità
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 2062/94 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol.	9481/05 + REV 1 (en) + COR 2 (sv) + REV 4 (es) + REV 5 (sk)	69/05	Unanimità

ĠUNJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
L-2671 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni, Enerġija) fis-27 u fit-28 ta' Ġunju 2005			
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi temporanjament dazji awtonomi tat-tariffa doganali komuni fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd.	9844/05 + COR 1 (nl) + COR 2 (sv) + COR 3 (sl) + REV 1 (pt) + REV 4 (da) + REV 5 (fi) + REV 6 (hu) + REV 7 (pl) + REV 8 (lv) + REV 9 (lt) + REV 10 (el)		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar it-tħaffif u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv	9818/05		Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill dwar l-istatistika relatata mat-taħriġ vokazzjonali f'intrapriżi	PE-CONS 3607/05 + REV 1 (lt)	70/05	Maġġoranza kwalifikata

ĠUNJU 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONI TAL- VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Servizi ta' Informazzjoni tax-Xmajjar armonizzati (RIS) dwar passaġġi ta' l-ilma interni fil-Komunità	PE-CONS 3612/05 + REV 1 (lt) + REV 2 (nl) + COR 1 (fi)	71/05, 72/05, 73/05, 74/05, 75/05, 76/05	Maġġoranza kwalifikata
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħrin maħruġa mill-Istati Membri u li temenda Direttiva 2001/25/KE	PE-CONS 3613/05 + REV 1 (de) + REV 2 (it)		Maġġoranza kwalifikata

DIKJARAZZJONI 53/05

Dikjarazzjoni mill-Polonja u mir-Repubblika Ċeka

"Waqt il-Kunsill tal-ĠAI fl-24 ta' Frar 2005, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka daħħlu r-riservi tagħhom dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 għal dak li jirrigwarda l-mekkaniżmu ta' reċiproċità.

Il-Polonja u r-Repubblika Ċeka tennew din il-pożizzjoni waqt li oġġezzjonaw għal dan l-abbozz ta' Regolament fl-intier tiegħu.

Il-Polonja u r-Repubblika Ċeka talbu li din id-dikjarazzjoni tkun debitament innotata u ssir parti mill-minuti uffiċjali tal-Kumitat u tal-Kunsill tal-lum."

DIKJARAZZJONI 54/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li l-mekkaniżmu li huwa s-suġġett ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat fejn meħtieġ minn introduzzjoni proviżorja tal-ħtieġa ta' viża għal pajjiż terz li jimponi ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini minn Stat Membru wieħed jew aktar, bl-ebda mod ma jimpedixxi l-applikazzjoni ta' miżuri proviżorji oħra għal tali pajjiż terz f' qasam wieħed jew aktar (b'mod partikolari oqsma politiċi, ekonomiċi jew kummerċjali) skond il-bażi jew bażijiet legali rilevanti fit-Trattati jekk tali miżuri jkunu jitqiesu bħala parti rakkomandabbli ta' l-istrateġija li għandha tiġi implimentata biex iġġiegħel lill-pajjiż terz idaħħal mill-ġdid l-ivvjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini mill-Istat jew l-Istati Membri kkonċernati.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkunsidraw li, meta waħda jew oħra minn notifikati previsti għall-Artikoli 1 u 2 ta' dan r-Regolament isseħħu, għandha tingħata konsiderazzjoni debita fil-fora adegwati għar-rakkomandabbiltà ta' tali miżuri oħra."

DIKJARAZZJONI 55/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

"Il-Kunsill jikkonferma li d-deċiżjoni dwar ir-rata ta' intervent għall-*e-Ten* tapplika biss għall-perspettiva finanzjarja attwali. Huwa jieħu nota li l-Kummissjoni inkludiet suċċessur għall-*e-Ten* fil-proposta tagħha għal programm kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u ser tikkunsidra r-rata ta' intervent għal dak is-suċċessur bħala parti mill-eżami tal-proposta prevista tal-Kummissjoni."

DIKJARAZZJONI 56/05

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li din id-deċiżjoni dwar ir-rata ta' intervent għall-*e-Ten* m'għandhiex taffettwa kwalunkwe deċiżjoni futura dwar il-proposti tal-Kummissjoni għat-*Tens* tat-Trasport u l-Enerġija fil-perijodu finanzjarju li jmiss. Hija ser tikkunsidra dawk il-proposti skond il-mertu tagħhom stess u fid-dawl tad-deċiżjoni dwar il-limiti massimi tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013."

DIKJARAZZJONI 57/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-diffikultajiet espressi mill-Awstrija, il-Greċja, il-Polonja u s-Slovenja fl-implimentazzjoni ta' prezzijiet ta' produzzjoni għas-servizzi kif rikjesti fl-emenda tar-Regolament tal-Kunsill 1165/98 u ser tikkunsidra dawn id-diffikultajiet fl-evalwazzjoni tal-kwalità tal-fatturi varjabbli rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tkompli tipprovdi gwida metodoloġika fl-implimentazzjoni ta' dawn il-fatturi varjabbli."

DIKJARAZZJONI 58/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

"Taħt l-Artikolu 10(a) tad-Direttiva hawn fuq imsemmiji l-professjonijiet regolamentati kollha, li t-taħriġ tagħhom jintemm b'eżami għal kwalifika ta' mgħallem huma soġġetti għall-proċedura ġenerali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali.

Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jfakkar lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu tad-19 ta' Mejju 2003, fejn talab lill-Kummissjoni tintroduċi proċedura biex tinkorpora fl-Anness II għad-Direttiva l-korsijiet ta' taħriġ li jintemmu b'eżami rikonoxxut ta' "mgħallem" f'sengħa li tkun soġġetta għall-approvazzjoni. Jitlob lill-Kummissjoni biex ittemm din il-proċedura qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

F'dan ir-rigward il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jistieden lill-Kummissjoni sabiex tassigura fi' kwalunkwe każ li d-Direttiva u l-klassifikazzjoni fil-livell 2 assoċjata magħha ta' professjonijiet regolamentati li għandhom bżonn taħriġ inizjali ma jkollhomx effetti negattivi fuq il-klassifikazzjoni attwali tal-professjonijiet Ġermaniżi li għandhom bżonn taħriġ inizjali mhux regolamentati, u li ma jġiġux preġudikati l-possibbiltajiet fir-rigward tal-kompetittività fis-suq Ewropew għal dawk il-gradwati b'sistema doppja ta' taħriġ vokazzjonali.

Għalhekk il-Gvern Federali, flimkien ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni, ser jaħdem biex jiżgura li l-qafas Ewropew tal-kwalifiki u s-Sistema Ewropea ta' Trasferiment ta' Krediti jiggarrantixxu evalwazzjoni ekwivalenti tal-kwalifiki ta' taħriġ inizjali doppju mhux regolamentat u tal-korsijiet skolastiċi ta' taħriġ vokazzjonali."

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

Spjegazzjoni tal-votazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

"Il-Ġermanja tiċħad id-Direttiva.

Raġuni:

Ir-restrizzjoni tad-dritt li jiġu eżaminati kwalifiki fil-qafas tad-dispożizzjoni transkonfini ta' servizzi unikament għal grupp professjonali fir-rigward tas-saħħa pubblika u s-sigurtà tillimita b'mod eċċessiv r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri biex jiggarantixxu livell għoli ta' kwalifiki fil-provvediment tas-servizzi.

L-Istati Membri għandhom, qabel ma jiġu provduti s-servizzi għall-ewwel darba u jekk ikun meħtieġ minħabba raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, iżommu d-dritt li jeżaminaw għall-ekwivalenza mar-rekwiżiti nazzjonali l-kwalifiki professjonali tal-membri ta' professjonijiet regolamentati attivi fit-territorju tagħhom fil-provvediment transkonfini ta' servizzi."

Dikjarazzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja

"Fil-kuntest tad-diskussjonijiet miżmuma dwar il-forum tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill, dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, inkluż dawk ta' professjonijiet mediċi, il-Polonja tixtieq tissottolinja l-ħtieġa li jittieħdu azzjonijiet ulterjuri fil-qasam tat-titjib tal-prinċipji tar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' infermiera u qwiebel Pollakki abbażi ta' drittijiet akkwiżiti, u li temenda d-Direttiva kif xieraq.

Li jinbidlu d-disposizzjonijiet ta' atti legali ta' l-Unjoni Ewropea, kif introdotti bit-Trattat ta' l-Adeżjoni, huwa ammissibli mill-aspett legali u proċedurali, skond l-Artikolu 9 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, kif kien inizjalment konfermat mis-Servizzi Legali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-Polonja tixtieq tibda diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-emendi għall-Artikolu 33(2), li jistabbilixxi l-prinċipji ta' rikonoxximent tal-kwalifiki ta' infermiera Pollakki, u għall-Artikolu 43(3), li jfisser il-prinċipji li jiddeterminaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-qbiela Pollakki. Tali emendi jkunu jimmiraw lejn l-approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' infermiera u qwiebel Pollakki għal dawk applikati fil-preżent għal infermiera u qwiebel minn Stati Membri oħrajn li aderew ma' l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Polonja fl-1 ta' Mejju 2004. Għall-Istati Membri kollha l-oħra, f'każ ta' non-konformità ta' l-educazzjoni mal-ħtiġiet tad-Direttiva, kien japplika l-prinċipju ta' drittijiet akkwiżiti; dan hu 'l hekk imsejjaħ "prinċipju 3/5", li jitlob prova ta' esperjenza professjonali ta' tliet snin konsekuttivi akkwiżiti fl-aħħar ħames snin. Fil-każ ta' infermiera u qwiebel Pollakki, li ggradwaw minn skejjel post-sekondarji, japplikaw l-itwal perijodi ta' esperjenza meħtieġa, jiġifieri ħames snin konsekuttivi ta' esperjenza fl-aħħar seba' snin.

Il-Polonja temmen li s-sistemi edukattivi fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri l-ġodda kienu simili ħafna. Għalhekk, li jiġu introdotti bidliet f'dan ir-rigward ikun ifisser li dawn id-differenzi inġustifikati jiġu llivellati, kif ukoll li jkun żgurat it-trattament ugwali ta' infermiera u qwiebel - li ggradwaw minn skejjel post-sekondarji – fl-Istati Membri kollha.

Id-disposizzjonijiet tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ma għarfux id-dritt għal rikonoxximent tal-kwalifiki abbażi ta' drittijiet akkwiżiti fil-każ ta' infermiera u qwiebel Pollakki li ggradwaw minn skejjel mediċi. Id-Direttiva l-għdida tiżgura li fil-futur il-kwalifiki ta' dan il-grupp kbir ta' persuni jiġu rikonoxxuti iżda suġġetti għat-tlestija ta' studji addizzjonali.

Għaldaqstant, il-Polonja temmen li l-inklużjoni ta' gradwati minn skejjel mediċi, li d-diplomi tagħhom fil-preżent mhumex suġġetti għal rikonoxximent awtomatiku abbażi tad-Direttiva 77/452/KEE, fis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki abbażi ta' drittijiet akkwiżiti hija ġustifikata. Il-Polonja tixtieq tfakkar li matul in-negozjati ta' adeżjoni, hija ppreżentat pożizzjoni li tagħraf ir-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' gradwati minn skejjel mediċi ta' 5 snin, waqt li saħqet fuq l-ugwaljanza tal-preparazzjoni edukattiva u professjonali tagħhom meta mqabbla ma' gradwati ta' skejjel post-sekondarji. Waqt li tat l-opinjoni tagħha dwar id-disposizzjonijiet tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, il-Polonja ripetutament ipproponiet li huma jiġu nklużi fit-Trattat.

Il-Polonja tittama li l-Kummissjoni tkun miftuħa għal dialogu mmirat lejn is-sejba ta' soluzzjoni għall-problema deskritta. Din tiftaħ it-triq għat-titjib ta' l-istatus professjonali ta' l-infermiera u l-qwiebel, li se jieħdu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom fi Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea."

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Griega

"Il-Ġreċja tiddikjara li r-raġuni tagħha li tivvota kontra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali hija s-serje ta' problemi maħluqa mill-operazzjoni tas-sistema tad-dritt tal-vot jew friegħi fl-edukazzjoni terzjarja, fejn l-Istat Membru li jospita ma għandux il-possibbiltà li jeżerċita kontroll ta' kwalità fuq l-edukazzjoni li qiegħda tingħata fit-territorju tiegħu.

Dik il-possibbiltà ta' kontroll tal-kwalità, li ma taqax taħt il-kompetenza ta' l-Istat Membru ta' oriġini, tirriżulta mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 149 u 150 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, kif ikkonfermat aktar mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-każ Neri (*C-153/02, 13.12.2003, Valentina Neri*), fejn sabet li hu leġittimu li tpoġġi restrizzjonijiet fuq il-libertajiet bażiċi, inluż fuq id-dritt ta' stabbiliment (Artikolu 43 tat-Trattat ta' l-UE), sabiex tiżgura livell għoli ta' edukazzjoni universitarja, sakemm dawk ir-restrizzjonijiet marrux oltre dak li kien neċessarju biex jintlaħaq dak il-għan (paragrafu 46 tas-Sentenza).

Il-kontroll tal-kwalità jirrelata mal-kondizzjonijiet li bihom isiru l-programmi ta' taħriġ, li jridu jkunu komparabbli għal dawk li jinkisbu fl-istitut ta' oriġini. Tali verifika hija leġittima għal kollox u naturalment se tkun magħmula b'kollaborazzjoni ma' l-Istat Membru ta' oriġini."

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Lussemburgiża

"Din il-proposta għal Direttiva, li għandha titqies fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Lisbona, hija pass importanti lejn il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fis-servizzi. Is-sistema għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali li hija tistabilixxi tfittex bilanċ ġust bejn id-domanda għal kwalifiki sodi għal professjonisti konċernati u bejn id-domanda għal simplifikazzjoni fil-proċeduri, li saret indispensabbli.

Biss, il-Lussemburgu mħasseb f'it dwar is-sitwazzjoni partikolari tas-sistema tiegħu ta' taħriġ tal-ħaddiema tas-sengħa. Dan it-taħriġ, li hu affermat permezz ta' ċertifikat ta' mgħallem (*master's*) li jirrappreżenta livell għoli ta' kwalifika, għandu f'it ekwivalenza fl-Ewropa. Il-Lussemburgu jirrikonoxxi li bid-Direttiva l-ġdida, se jkun possibbli għal ċerti tipi ta' taħriġ affermati biċ-ċertifikat Lussemburgiż ta' mgħallem li jiġu rikonoxxuti fl-livell ekwivalenti kif imniżżel fl-Artikolu 11(4)(ċ)(ii) u mniżżel fl-Anness II.

Madanakollu, minħabba li tibqa' l-inċertezza dwar il-ġejjieni ta' rikjesta raġunata ta' inklużjoni fl-Anness II hawn fuq imsemmi, li trid tiġi deċiża b'maġġoranza kwalifikata permezz tal-proċedura tal-kumitat, il-Lussemburgu qiegħed jastjeni."

DIKJARAZZJONI 63/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"Il-Kunsill jiddikjara li l-proposta għar-Regolament dwar l-iffinanzjar tal-CAP mhux il-kuntest xieraq għal diskussjoni dwar l-eġibilità ta' VAT li ma tiġix irkuprata għall-ko-finanzjament ta' l-EAFRD. Din il-kwistjoni se tiġi trattata waqt diskussjonijiet li jwasslu għal ftehim politiku dwar ir-Regolament dwar is-sostenn għall-iżvilupp rurali."

DIKJARAZZJONI 64/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"Ftehim ġenerali dwar it-test ta' kompromess huwa aċċettat. Dak il-ftehim ma jeskludix xi emendi tekniċi strettament meħtieġa li jistgħu jkollhom isiru wara l-adozzjoni finali sabiex jittieħed kont ta' kwalunkwe deċiżjonijiet futuri mittieħda mill-Kunsill, inkluż kwalunkwe deċiżjoni definittiva dwar il-perspettiva finanzjarja għall-2007-2013."

DIKJARAZZJONI 65/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tiddikjara li r-referenza fl-Artikolu 26(3)(a) għall-Artikolu 8(1)(ċ) għandha tinftiehem li tirreferi għall-Artikolu 8(1)(ċ)(i)."

DIKJARAZZJONI 66/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża

"Id-delegazzjoni Franċiża tiddikjara li n-negozjati dwar il-perspettiva finanzjarja 2007-2013 għandhom jitmexxew skond il-prinċipju li "xejn m'hu miftiehem sakemm kollox hu miftiehem."

DIKJARAZZJONI 67/05

Dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

"Filwaqt li jirrispettaw il-kompetenza tal-Parlament Ewropew fil-proċedura tal-*budget*, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu fuq dan li ġej:

1. Il-pjan ta' stabbiliment tal-Fondazzjoni Ewropea għandu jiġi adottat b'effett minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skond l-Artikolu 17 (ġdid) tar-Regolament (KEE) Nru 1365/75 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol.
2. Fi żmien sentejn minn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill, il-Fondazzjoni jkollha d-dritt li tittrasforma massimu ta' 20% ta' l-impjiegi temporanji awtorizzati f'impjiegi permanenti u għal dan il-għan torganizza kompetizzjoni biex jinħatru numru ekwivalenti ta' uffiċjali. Il-pjan ta' stabbiliment ser jiġi għaldaqstant adattat. Il-persunal temporanju eżistenti tal-Fondazzjoni ser ikollu aċċess għal din il-kompetizzjoni."

DIKJARAZZJONI 68/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1365/75 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (COM(2004) 57 finali) provdiet għal uffiċċju magħmul minn tmien membri, konformi mar-regolament emendat adottat ta' aġenzija Ewropea tripartitika oħra (CEDEFOP). Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li n-numru ta' siġġijiet fl-uffiċċju ma jirriflettix ir-rappreżentanza bilanċjata u ma jikkontribwixxix għal funzjonament effiċjenti ta' l-uffiċċju."

DIKJARAZZJONI 69/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2062/94 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol (COM(2004) 50 finali) provdiet għal vot b'maġġoranza sempliċi fil-Bord ta' Tmexxija u uffiċċju magħmul minn tmien membri, konformi mar-regolament emendat adottat reċentement ta' aġenzija Ewropea tripartitika oħra (CEDEFOP). Il-Kummissjoni jiddispjaċiha b'mod partikolari li r-regoli ta' votazzjoni miftiehma jdgħajfu l-piż ta' l-imsieħba soċjali u jirriskjaw li jimminaw l-effikaċja tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Bord ta' Tmexxija, u li l-kompożizzjoni ta' l-uffiċċju ma tirrispettax ir-rappreżentanza bilanċjata u ma tikkontribwixxix għall-funzjonament effiċjenti ta' l-uffiċċju."

DIKJARAZZJONI 70/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka

"L-Awstrija tikkunsidra li l-estensjoni tad-definizzjoni ta' l-unità statistika hija ta' żvantaġġ minħabba n-numru konsiderevoli ta' SMEs fl-Awstrija u l-piż li din l-estensjoni ser toħloq għal dawn l-SMEs. Barra dan, minħabba d-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma CVTS dwar din l-estensjoni l-Awstrija tipproċedi fuq il-preżunzjoni li din l-estensjoni ser tiġi kkunsidrata biss fl-2011."

DIKJARAZZJONI 71/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni :Tabelli ta' korrelazzjoni - premessa 14

"Il-Kummissjoni tfakkar il-proposta tagħha li, skond l-oġettivi mfassla fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar titjib fil-ħolqien tal-liġijiet, l-Istati Membri jfasslu tabelli li juru l-korrelazzjoni bejn il-miżuri trasposizzjonali tagħhom u d-Direttiva sabiex, *inter alia*, jiżguraw li jkun jista' jiġi verifikat li hemm konformità bejn ir-regoli nazzjonali u daww tal-Komunitarji.

F'din l-istanza, il-Kummissjoni ma toqgħodx fin-nofs bejn ftehim fl-ewwel qari bejn il-koleġislaturi.

Però, tistenna, li din il-kwistjoni orizzontali tiġi diskussa konġuntament bejn l-istituzzjonijiet."

DIKJARAZZJONI 72/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar Artikolu 4(6)

"Il-Kummissjoni tikkonferma li fejn l-Istati Membri jipproponu li jagħtu għajjuniet, inkluż billi jikkofinanzjaw, sabiex jinkoraġġixxu utenti li (potenzjalment) biex jieħdu l-massimu mis-servizzi li huma provduti taħt din id-Direttiva, dawn l-għajjuniet proposti se jiġu miflija taħt ir-regoli relattivi tal-Komunità. Il-Kummissjoni tisħaq li Artikolu 4(6) tad-Direttiva ma għandux jiġi interpretat li qiegħed johlq obbligu fuq l-Istati Membri biex jagħtu għajnuna Statali."

DIKJARAZZJONI 73/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5

"Il-Kummissjoni tiddikjara li se tikkonsulta, fejn xieraq, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti l-oħra dwar aktar żvilupp u reviżjoni tal-linji gwida u speċifikazzjonijiet tekniċi."

DIKJARAZZJONI 74/05

Dikjarazzjoni unilaterali mill-Ġermanja fir-rigward ta' l-Artikolu 5 (li jakkumpanja d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istess Artikolu):

"Mill-perspettiva Ġermaniċa l-proċeduri għal aktar żvilupp u reviżjoni tal-linji gwida u speċifikazzjonijiet tekniċi, ikunu miżjuda b'mod xieraq b'miżuri kkunsidrati fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Rhine (CCNR) u l-Kummissjoni Ewropea konkluż fit-3 ta' Marzu 2003."

DIKJARAZZJONI 75/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5(1)

"Waqf li jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kompatibbiltà ta' l-apparat, il-Kumitat se jieħu kont ta' analiżi dettaljata tal-konfigurazzjonijiet varji ta' l-apparat, *inter alia* mill-punt ta' effettività tan-nefqa u sigurtà. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-aktar fis possibbli."

DIKJARAZZJONI 76/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 11(1)

"Il-Kummissjoni tiddikjara li ser tikkonsulta, fejn xieraq, lill-kumitati l-oħra li għandhom x'jaqsmu ma' komunikazzjonijiet elettroniċi stabbiliti taħt il-liġi Komunitarja."

ĠUNJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2664 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-2 u t-3 ta' Ġunju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li tinnotifika lill-Greċja, skond l-Artikolu 104(9) tat-Trattat tal-KE, biex tiegħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjus meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv 8741/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fil-programmi tal-Komunità. 5532/05 + COR 1 (da), 14297/04 L-2665 laqgħa tal-Kunsill (KOMPETITTIVITÀ - Suq Intern, Industrija, Riċerka) fis-6 u s-7 ta' Ġunju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil 8702/05, 11680/03 Regolament tal-Kunsill li jestendi l-miżuri definittivi ta' <i>antidumping</i> imposti mir-Regolament (KE) Nru 1470/2001 fuq l-importazzjoni ta' lampi fluworexxenti kumpatti elettroniċi integrati (CFL-i) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjoni ta' l-istess prodott ikkunsinjat mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, mir-Repubblika Islamika tal-Pakistan u r-Repubblika tal-Filippini 9019/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ġodda definiti għas-sostenn ta' implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 9012/05	

ĠUNJU 2005

ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2667 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-13 ta' Ġunju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata 5652/05 + COR 1 + COR 2 (en) • Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tabroga l-Pożizzjoni Komuni 2002/829/PESK 8831/05 • Regolament tal-Kunsill li jimponi ċertu miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li jabroga r-Regolament (KE) Nru 1727/2003 8892/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' l-Ukraina fl-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea tal-maniġġar ta' kriżijiet 9255/05, 9715/05 + ADD 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-asil preżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja 8479/05 + COR 1 (da) + REV 1 (pl) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 827/2004 f'dak li jirrigwarda l-projbizzjoni ta' l-importazzjoni ta' tonn Atlantiku <i>bigeye</i> mill-Kambodja, il-Ginea Ekwitorjali u Sierra Leone u li jabbroga r-Regolament 826/2004 li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' tunnaġġ mill-Ginea Ekwitorjali u Sierra Leone u r-Regolament (KE) Nru 828/2004 li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' pixxispad minn Sierra Leone. 7853/05	

ĠUNJU 2005

ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea 9616/05 Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem il-Komunità fil-Kunsill Internazzjonali tal-Qmuħ u fil-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari 9852/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani 8705/05, 12946/03 Metodi ta' ħidma - Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddetermina l-lingwa li għandha tintuża mill-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddetermina l-lingwa li għandha tintuża mill-Kumitat Ewropea għall-Enerġija Atomika u li jintroduċi miżuri li temporanjament jidderogaw minn dawk ir-Regolamenti 9645/05, 10020/05 + ADD 1 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu uffiċjali ta' lingwi addizzjonali fi ħdan il-Kunsill u possibbilment f'Istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea 9506/2/05 REV 2	

ĠUNJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2669 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-metodu ta' kalkulazzjoni ta' dazji applikabbli fuq ross maħruġ mill-fosdqa u li temenda Deċiżjonijiet 2004/617/KE, 2004/618/KE u 2004/619/KE 9249/05 + COR 1 (en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni Nru 2/2005 tal-Kumitat Konġunt iffurmat bil-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra, dwar ċerti kwistjonijiet veterinarji 9690/05 Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixx l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta ta' l-Avorju dwar sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju 14510/04 + REV 1 (lt) Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza tal-pożizzjonijiet finanzjarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 9817/05 + COR 1 (nl) + COR 2 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (fi) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 658/2002 li jimponi dazju definittiv kontra d-<i>dumping</i> fuq importazzjonijiet ta' <i>ammonium nitrate</i> ta' orijini Russa u r-Regolament (KE) Nru. 132/2001 li jimponi dazju kontra d-<i>dumping</i> definittiv fuq importazzjonijiet ta' <i>ammonium nitrate</i> li joriġinaw, <i>inter alia</i>, fl-Ukraina, wara reviżjoni interim parzjali skond Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 9284/05	IT, DK kontra EL astensjoni PL astensjoni EE, SE kontra LT astensjoni

ĠUNJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem tal-Komunità Ewropea, il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 8851/05 + COR 1 (pl) + COR 1 REV 1 (pl) + COR 2 (lv) + REV 1 (el) + REV 2 (lt) Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva mill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emmissjonijiet mis-sistemi ta' l-arja kondizzjonata fil-vetturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE 16182/04 + REV 1 (de) + REV 2 (lt) + REV 3 (fi) + REV 3 COR 1 (fi) + ADD 1, 9210/05 + COR 1 + ADD 1 Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti gassijiet serra fluworinati 16056/04 + COR 1 (es) + REV 1 (de) + REV 2 (lt) + REV 4 (fi) + ADD 1, 9209/05 + ADD 1 L-2670 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) ta' l-24 ta' Ġunju 2005 Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjaġġi bi skart 15311/04 + COR 1 (pt) + COR 2 (et) + COR 3 + COR 4 (sv) + COR 5 (sk) + COR 6 (en) + COR 7 (fi) + REV 1 (es) + REV 2 (de) + REV 3 (es) + ADD 1 + ADD 1 REV 2, 9204/05 + ADD 1	BE, PT astensjoni DK, AT kontra BE, PT, SE astensjoni

ĠUNJU 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2671 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni, Enerġija) tas-27 u tat-28 ta' Ġunju 2005 Regolament tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati 6987/4/05 REV 4 + COR 1 (fi) + COR 2 (fi) Regolament tal-Kunsill dwar kummerċ f'ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għal sentenzi kapitali, torturi jew trattament krudili, inuman u degradanti jew punizzjoni 8888/05 + COR 1, 8887/05 + COR 1 (da) Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar 8038/05 Regolament tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Federazzjoni Russa 8736/05 + COR 1 (en) Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi (2005-2008) 8652/1/05 REV 1 +REV 1 COR 1 (en) + REV 1 COR 2 (de)	DE astensjoni